**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Marzu, 2001**

**Numru**

**Avviz. numru 2/01JR**

**Herman Camilleri**

**vs**

**Jacqueline Field**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Jannar, 2001, fejn intalab il-hlas ta' sitta u erbghin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm46.20) rapprezentanti kwantu ghall-wiehed u ghoxrin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm21.20) hlas ta' kera tal-video "Taxman" ghall-perijodu ta' bejn l-24 t'Ottubru, 2000, u s-17 ta' Dicembru, 2000, u r-rimanenti hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) prezz ta' l-istess video, li minkejja li mitluba tirritornah, il-konvenuta naqset li taghmel hekk;**

**Bl-ispejjez tal-prezenti kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret.**

**Ra n-nota ta' riduzzjoni prezentata fit-2 ta' Frar, 2001, li permezz taghha is-sorte gie ridott ghall-wiehed u ghoxrin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm21.20) stante li l-video ghall-liema intalab il-hlas gie ritornat lill-attur fil-mori tal-kawza.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Anthony Cutajar ghall-attur li kkonferma li l-ammont bilancjali ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici hija soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici kif ridotta u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' wiehed u ghoxrin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm21.20).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**